## 7 ta' Mejju, 1956

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;***
**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.**
**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Grazio Muscat *versus* Wilfred Podestà ne. ***

## War Damage Commission — Appell — Kwistjoni ta' Dritt — "Value Payment" — "Cost of Works Payment"

*Bħala deċiżjoni ta' istituzzjoni kważi-ġudizzjarja, id-deċiżjoni tal-War Damage Commission għandha tkun razzjonali; u għalhekk, għalkemm il-liġi ma tgħidux, dik id-deċiżjoni suppost li tkun motivata, speċjalment in vista tal-fatt li l-liġi tagħti d-dritt ta' appell fuq kwistjoni ta' punt ta' liġi. Ċertament raġuni jrid ikun hemm, u suppost li din tiġi kommunikata lill-interessat.*

*B'dana kollu, biex ikun hemm lok tal-appell, ma hemmx bżonn li l-punt ta' liġi jkun bilfors jirriżulta mid-deċiżjoni stess li tkun ġiet kommunikata lill-interessat; imma hu biżżejjed li l-punt ta' liġi li fuqu jsir l-appell jirriżulta involut jew impliċitu fid-deċiżjoni, in kwantu d-deċiżjoni tkun ittieħdet bis-saħħa ta' prinċipju interpretattiv tal-liġi li l-appellant jikkontesta.*

*Jekk deċiżjoni tal-War Damage Commission, fis-sens li "claim" jikkwalifika għal "value payment" minflok għal "cost of works payment", tkun bażata fuq il-konsiderazzjoni tal-użu li għalieħ il-fond kien destinat u tal-istruttura tal-fond, dik id-deċiżjoni tkun ħadet u applikat għall-każ kriterju interpretattiv tal-liġi fl-applikazzjoni tal-kwalifika tal-"claim" għal "value payment" minflok għal "cost of works payment"; u huwa loġiku u evidenti li l-kwistjoni ta' x'għandu jkun il-kriterju biex wieħed fl-applikazzjoni tal-liġi jistabbilixxi l-kwalifika tal-"claim" għal "value payment" inkella għal "cost of works payment" tikkostitwixxi punt eminentement ta' liġi, li preċiżament jinterpreta l-liġi fl-applikazzjoni tagħha prattika u konkreta għall-każ partikulari. U għalhekk deċiżjoni simili hija appellabbli.*

---

* Deċiża fil-meritu b'sentenza tad-9 ta' Novembru, 1956 (pubblikata).

Il-Qorti—Rat id-deċiżjoni tagħha tal-20 ta' Jannar 1956, fejn tinsab imniżżla t-talba tar-rikorrent u r-risposta tal-appellat nomine, u li biha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tal-appellat li l-appell ma sarx fit-terminu; bl-ispejjeż kontra l-appellat;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellat nomine qajjem l-eċċezzjoni tal-inapellabbilità tad-deċiżjoni tal-War Damage Commission in kwistjoni, għax jippretendi li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni kienet bażata biss fuq apprezzament ta' fatti, u mhux fuq interpretazzjoni ta' xi punt ta' liġi;

Fl-ittra tad-9 ta' Lulju 1955 (fol. 20) is-Segretarju tal-Kummissjoni għarraf lir-rikorrent li, jekk huwa jipproċedi bil-pjanta proposta fl-ittra tal-perit tiegħu tat-12 ta' Mejju 1955, il-"claim" tikkwalifika għal "value payment"; u b'ittra oħra tal-5 ta' Settembru 1955, l-istess Segretarju, b'risposta għal ittra oħra tal-perit tas-7 ta' Awissu 1955,wieġeb li, peress li l-pjanta l-ġdida hija simili għal ta' qabel, id-deċiżjoni li l-"claim" tikkwalifika għal "value payment" ma setgħetx tiġi maqluba. F'dik il-kommunikazzjoni lakonika ma tissemma ebda raġuni l-għala, anki jekk il-pjanta l-ġdida baqgħet xorta bħal ta' qabel, il-"claim" tikkwalifika għal "value payment", u mhux għal "cost of works payment"; u ma ġiex indikat il-kriterju li fuqu l-Kummissjoni kkunsidrat li l-"claim" tikkwalifika għal "value payment";

Bħala deċiżjoni ta' istituzzjoni kważi-ġudizzjarja, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha tkun razzjonali; u għalhekk, għalkemm il-liġi testwalment ma tgħidux, dik id-deċiżjoni suppost li tkun motivata, speċjalment in vista tal-fatt li l-liġi tagħti d-dritt ta' l-appell fuq kwistjoni ta' punt ta' liġi. Ċertament raġuni jrid ikun hemm, u suppost li dina tiġi kommunikata lill-interessat. B'dana kollu, biex ikun hemm lok ta' l-appell ma hemmx bżonn li l-punt ta' liġi jkun bilfors jirriżulta mid-deċiżjoni stess li tkun ġiet kommunikata lill interessat; għax dak, għad-differenza ta' liġijiet oħrajn (Kap. 109 tal-LL.), il-Liġi tal-Ħsarat tal-Gwerra ma tgħidux. Huwa biżżejjed li l-punt tal-liġi li fuqu jsir l-appell jirriżulta nvolut jew impliċitu fid-deċiż-

joni, in kwantu d-deċiżjoni tkun ittieħdet bis-saħħa ta' prinċipju interpretattiv tal-liġi li r-rikorrent jikkontesta;

Fil-każ in eżami, minn dak li setgħet tara s'issa l-Qorti, speċjalment minn nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-appellat nomine, il-Kummissjoni eskludiet il-"claim" mill-"cost of works payment" għar-raġuni li dehrilha li bil-mod kif reġa' sar il-bini ma ssewwietx il-ħsara tal-gwerra, iżda nħoloq bini differenti (fol. 18). U a propożitu ta' dan, f'dina l-kawża rriżulta li l-Kummissjoni waslet għad-deċiżjoni tagħha billi bbażat ruħha fuq il-konsiderazzjoni ta' l-użu li għalih il-fond kien issa ġie destinat u ta' l-istruttura ta' l-istess fond, konsistenti fil-karatteristiċi fiżiċi tal-fond, bħal ma huma l-għamla, id-daqs u l-elementi arkitettoniċi (ibid.). B'hekk il-Kummissjoni ħadet u applikat għall-każ kriterju interpretattiv tal-liġi fl-applikazzjoni tal-kwalifika tal-"claim" għal "value payment" flok għal "cost of works payment". Issa, huwa loġiku u evidenti li l-kwistjoni ta' x'għandu jkun il-kriterju biex wieħed fl-applikazzjoni tal-liġi jistabbilixxi l-kwalifika tal-"claim" għal "value payment" inkella għal "cost of works payment" hija punt eminentement ta' liġi, li preċiżament jinterpreta l-liġi fl-applikazzjoni prattika u konkreta tagħha għal każi partikulari. U l-kwistjoni li fuqha r-rikorrent appella mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni hija bażata prinċipalment fuq il-kriterju interpretattiv li fuqu għandu jiġi stabbilit jekk il-"claim" tiegħu għandhiex tikkwalifika għal "value payment" inkella għal "cost of works payment", kif jippretendi hu. U tabilħaqq, għal dana tammonta r-raġuni ta' l-aggravju miġjuba fir-rikors ta' l-appellant, għalkemm, minħabba l-lakoniċità tar-rikors, ma ntqalx dan kollu fih;

Għaldaqstant hemm punt ta' dritt fil-kwistjoni appellata; u dana jirrendi d-deċiżjoni tal-Kummissjoni appellabbli;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità mogħtija mill-appellat nomine; bl-ispejjeż kontra tiegħu. U tordna li jiġi trattat il-meritu.

---